*Il-Birgu u l-"Castrum Maris" fiz-Zminijiet tan-Nofs Tardivi — (5)*

# TILWIM BEJN IL-MALTIN U L-KASTELLAN FI ŻMIEN L-ARAGONIŻI

Minn MARIO BUHAGIAR,
B.A. Hons. (Lond.), M. Phil. (Lond.)

**Tul il-ħakma twila Aragoniża l-"Castrum Maris" sar iċ-ċentru ta' l-interessi Rjali f'Malta. Inqala' nkwiet serju għall-ħabta ta' l-1366. X'ġara sew ma nafux. Jidher, iżda, li l-Kaptan tal-Gwardja Rjali f'Malta, Giacomo de Pellegrino ta' Messina, ipprova jwaqqaf xi tip ta' dukat indipendenti. Pellegrino kien iżżewweġ lil Margarita ta' Aragona, qariba tar-Re Frederiku. Fl-1372, ir-Re Frederiku, mgħejjun minn għaxar xwieni Ġenoviżi, ġie Malta biex jerġa' jikseb id-drittijiet tiegħu. Is-suldati leali li kien għad baqagħlu f' Malta reġgħu ħadu taħt idejhom il-"Castrum Maris" u Pellegrino ġie eżiljat (54).**

**L-akbar nefqa tal-Gvern Aragoniż f'Malta kienet id-difiża tal-'Castrum Maris'. Minn figuri ppubblikati minn Henri Bresc jidher li l-ispiża militari żdiedet sew bejn is-snin 1375-1398 (55). L-inċident ta' Gacomo de Pellegrino kien wera l-ħtieġa li l-għassiesa tal-Kastell ikunu ta' min jorbot fuqhom. Minħabba f'hekk żdied in-numru ta' suldati Katalani u tnaqqas dak ta' suldati Maltin. Bresc irnexxielu jsib ukoll dettalji dwar il-paga tas-suldati tal-Kastell (56). L-ewwel ħaġa li tolqotna hija kemm din kienet baxxa. Fl-1375 bilkemm il-kemm kienet tlaħħaq 'uncia' Siċiljana fis-sena għal suldat normali; tul is-seklu 15 żdiedet għal madwar 2 'uncie'. Suldati speċjalizzati kienu jitħallsu ftit iżjed. Bresc isemmi l-każ ta' Henricus de Osa, li kien espert fl-isparar bil-qaws. Fl-1377, dan kellu salarju ta' 4 'uncie' fis-sena li kien ekwivalenti għal 30 'uncie' tal-flus ta' Malta. Minħabba l-kapaċità tiegħu, dan is-suldat kien miżmum fi stima kbira u f'Lulju 1376 ġie mogħti b'fewdu x-xgħari ta' 'Deir Il-Bniet' li kienu ġew konfiskati mingħand in-nobbli Malti Lancea Gatt (57).**

## ABBUŻI TAS-SETGHA KONTRA L-MALTIN

Imma, minkejja l-ħlas miżeru, li tkun suldat fil-Kastell tal-Birgu kien privileġġ kbir għal wieħed Malti għax dawk kollha li kienu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kastellan kienu jkunu eżenti kemm mit-taxxi ta' l-Università ta' l-Imdina kif ukoll mill-obbligu li jservu fil-milizzja. Ġeneralment dan il-privileġġ kien jintiret mill-missier għall-iben, u Bresc isemmi l-każ ta' Thomeus, iben Salvus de Imbruglo li, fl-1398, wiret il-paga ta' missieru u l-privileġġi kollha bħala **serviens castri** jew suldat tal-Kastell (58). Mhux ta' b'xejn li l-Kunsill tal-Maltin kien jilmenta ta' sikwit kontra l-poteri tal-Kastellan. Imma mhux mill-ġurisdizzjoni ta' l-Università biss kienu meħlusa s-servjenti tal-Kastellan. Kienu eżenti wkoll mill-Ġustizzja Rjali (59).

Is-setgħat kbar li l-Kastellan u l-uffiċjali tiegħu kienu jgawdu ġie li wasslu għal inċidenti spjaċevoli li huma xhieda ta' l-arroganza tal-poter. Isemmu episodju li ġara fl-1436. Is-**segreto**, jiġifieri dak l-uffiċjal tar-Re li kellu taħt idejh l-amministrazzjoni ta' l-artijiet tal-Kuruna u tal-ġbir tat-taxxi rjali, kien ta b'ċens lil xi uffiċjali tal-**Castrum Maris** l-inħawi ta' Raħal Allun jew Hellul — villaġġ abbandunat bejn Ħal Tarxien u Ħaż-Żabbar. Dan aktarx ġara fi żmien meta Don Guttierez de Nava kien jokkupa l-karigi kemm ta' Kastellan kif ukoll ta' **segreto**, u għalhekk mill-ewwel kien hemm ix-xamma ta' korruzzjoni. L-aktar li ntlaqtu ħażin kienu r-raħħala ta' Raħal Tarġel, jiġifieri Ħal Tarxien, li kienu ilhom żmien jieħdu l-bhejjem tagħhom jirgħu fl-inħawi ta' Raħal Allun. Dawn mhux biss tilfu dan id-dritt imma ġara wkoll li s-sidien il-ġodda bdew abbużivament jikkonfiskawlhom il-bhejjem li kienu jsibu jitlajjaw fl-artijiet tagħhom.

L-irġiel ta' Raħal Tarġel ma baqgħux passivi imma ngħaqdu flimkien f'**universitas hominum targel,** jiġifieri waqqfu bħal kumitat komunali u bagħtu petizzjoni lill-Viċi Re ta' Sqallija fejn, wara li fissrulu t-tbatijiet tagħhom, talbuh juża s-setgħa tiegħu biex jannulla l-għotja ta' Raħal Allun lis-setgħana tal-**Castrum Maris**, u minflok, jikri dawk l-inħawi lilhom, magħqudin flimkien bħala **Universitati**, bl-istess kundizzjonijiet. Ix-xewqa tar-raħħala ġiet milqugħa permezz ta' digriet maħruġ f'Catania fil-21 ta' Diċembru 1436 (60).

## L-IRVELL KONTRA DON GONSALVO MONROY

Li n-nies tal-Birgu kienu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-**Castrum Maris** jidher minn rikors ta' l-1458 li fih l-Università ta' l-Imdina lmentat dwar l-aġir tal-Kastellan li kien qed jifrex il-ħakma tiegħu fuq artijiet lil hinn mill-foss tal-Kastell. Il-Kastellan kien qed jużurpa wkoll poteri li normalment kienu jappartjenu lill-Ammirall bħal, per eżempju, id-dritt għall-kwint tal-qbid jew priża tal-kursari; kien qed joħroġ ukoll il-liċenzji għall-armar tax-xwieni tal-korsa fil-port tal-Birgu (61). L-abolizzjoni tal-privileġġi tal-Kastellan kien wieħed mill-għanijiet ewlenin li ġġieldet għalihom l-Università. Din kienet tħossha urtata bil-protezzjoni li l-Kuruna Aragoniża, għal raġunijiet ovvji, kienet tagħti kemm lis-**segreto** kif ukoll lill-Kastellan (62).

Familja b'saħħitha Maltija, li għal raġunijiet politiċi kienet dejjem lesta tappoġġja lill-**Kastellan** u lis-**segreto**, kienet dik ta' Desguanez. Fil-kapitoli ta' l-1458 (63), il-Kunsill ta' l-Università lmenta fuq l-intimità żejda li kien hemm bejn il-Kastellan Johannes de Guevara (li ftit wara laħaq ukoll **segreto**) u l-Casa Desguanez. Kien hemm il-biża' li din il-ħbiberija setgħet twassal biex il-Kastellan jiddomina l-Università għax kien magħruf li kien lest iqiegħed l-għassiesa tal-Kastell għad-dispożizzjoni ta' l-alleati tiegħu (64). Il-familja Desguanez ma kienetx żgur estranea għall-Kastellanija tal-**Castrum Maris** għaliex, wara l-inċident ta' Don Gonsalvo Monroy fl-1426-27, li huwa magħruf biżżejjed (65), Anton Desguanez kien inħatar Kastellan (66). U ġaladarba semmejna lil Monroy, ta' min ifakkar li, fi żmien l-irvell, il-mara tiegħu kienet assedjata fil-Kastell.

F'April 1429 saru żewġ inventarji ta' armi u proviżjon ieħor li kien hemm fil-Kastell (67). Għall-ewwel darba jissemmew xi armi tan-nar. Fost il-provvisti hemm imniżżla l-ħażna ta' l-inbid u l-ħall (68). Barra minn dan niltaqgħu wkoll ma' referenza interessanti għal **centimolo**, jew mitħna tal-mixi, bil-bagħal tagħha, għat-tħin tal-qamħ (69). Kien hemm ukoll **taverna** li fiha kienu jinġabru għall-ikel u għar-rikreazzjoni l-għassiesa u li mid-dħul tagħha kienet tiġi ffinanzjata l-manutenzjoni tal-Kastell (70).



**Dettall tal-kjostru tal-Palazz ta' l-Inkwiżitur fil-Birgu. Dan il-kjostru, mibni fi stil Gotiku, inbena mill-Kavallieri ta' San Ġwann fi żmien meta kellhom il-kunvent fil-Birgu.**

**(IKOMPLI)**

**REFERENZI:**
54. **Ibid.**, 45.
55. Henri Bresc, The **'Secrezia'** 138.
56. **Ibid.**, 139.
57. **Ibid.**, 139n.
58. **Ibid.**
59. **Ibid.**, 139.
60. Għal aktar dettalji dwar dan l-inċident interessanti ara A. Luttrell, "A Maltese Casale: 1436", **Melita Historica** vol. VI no. 3 (1974), 323-324.
61. It-test tal-protest ta' l-Università hu ppubblikat fl-**Archivio Storico di Malta** vol. IX, 110-123; ara wkoll ibid. vol. VIII, 923-295.
62. **Ibid.**, vol. IX, 112-113.
63. **Ibid.**
64. **Ibid.**
65. Dwar l-inċidenti ta' Monroy ara G. Wettinger, "The Pawning of Malta to Monroy", **Melita Historica**, VII no. 3 (1978), 265-283.
66. **Luttrell**, Approaches, 50.
67. Ippubblikati bħala appendiċi II-III f'H. Bresc, **The 'Secrezia'**, 158-160.
68. "... Vinu bucti tri minu quartari 7 unc. 3.9 ... Bucti di achetu 3 uc. 1.15 ...".
69. "... Chintimula I fornitu cum la mula ..."
70. Bresc, The **'Secrezia'**, 139; **Archivio Storico di Malta**, vol. VIII, 293-295.